# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025.**

**Numru 12**

**Rikors numru 47/2016/3 SG**

**Louis u Eucharistica konjuġi Refalo**

**v.**

**John u Jeanette konjuġi Grima**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas lura ta' €59,399.02 li allegatament silfu lill-konvenuti u li ma ngħatawlhomx lura.

2. Il-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni *a tenur* tal-Art. 2156 (d) u (e) tal-Kodiċi Ċivili, u, bla ma spjegaw il-għala, li l-pretensjoni tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. B’sentenza in parti tal-24 t’Ottubru 2017 l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni, wara li kkunsidrat:

> “Fil-każ in eżami l-atturi qed ifittxu lill-konvenuti biex iħallsuhom flus li jgħidu li kienu sellfuhom bis-saħħa ta’ skrittura privata,1 u l-imgħaxijiet relattivi. Għalhekk huma tassew is-subinċiżi (d) u (e) tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 japplikaw għal każ in eżami. Il-konvenuti nfatti jikkontendu, kif anke jsostnu inekwivokament fin-Nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom, li t-talba tal-atturi hija preskitta bil-perkors taż-żmien stipulat fil-liġi. Imma fejn qabel l-emendi fil-liġi li daħlu fis-seħħ iżjed kmieni din is-sena, f’tali ċirkostanzi kien imbagħad jispetta lill-atturi biex jippuvaw li din il-preskrizzjoni ġiet b’xi mod interrotta bir-rikonoxxximent espress jew taċitu tal-konvenuti, illum il-ġurnata dan mhux biżżejjed. Dan għaliex l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, kif emendat, issa jesiġi li:
>
>> “2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m’għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.
>>
>> (2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.
>>
>> (3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta’ debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.”
>
> Fil-każ in eżami, però, sakemm din il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq dawn l-eċċezzjonijiet, kienet laħqet xehdet biss l-attriċi. Il-konvenuti baqgħu ma xehdux minn jeddhom waqt is-smiegħ tal-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, kif jesiġi s-sub-inċiż (1) tal-artikolu 2160 hawn ċitat, u wisq anqas ma taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex iqisu lilhom infushom li mhumiex debituri, kif jesiġi is-sub-inċiż (3) tal-istess artikolu. Anzi fl-udjenza tat-28 ta’ Marzu 2017, il-legali tal-konvenuti ddikjara li m’għandux provi xi jressaq fuq l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni.”

4. Minn din is-sentenza sar appell li ġie ċedut.

5. Permezz ta' sentenza finali tat-8 ta' Marzu 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali laqgħet it-talbiet tal-atturi.

6. Bħala fatti, dik il-Qorti sabet li:

> "Il-Qorti fliet l-vera kopja tal-iskrittura privata datata 18 ta' Settembru 2000 li tgħid is- segwenti:
>
> Bil-prezenti id-debituri qed jikkostitwixxu ruhhom veri certi u likwidi debituri versi u favur tal-kredituri fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) liema somma d-debituri jobligaw ruhhom li jhallsuha lura lill-kredituri sa zmien hames snin mil-lum bla interessi.
>
> Din il-vera kopja nħarġet min-Nutar Paul George Pisani fis-26 ta' Frar 2001.
>
> Minn qari ta' din l-iskrittura, jirriżulta li fit-18 ta' Settembru 2000 il-partijiet daħlu fi ftehim bil-miktub li permezz tiegħu il-konvenut ikkostitwixxew ruħhom bħala debituri versu l-kredituri għas-somma ta' Lm25,000. Il-kundizzjonijiet maqbula fuq l-imsemmija skrittura kienu s-segwenti li ma jiddekorrux l-ebda interessi salv li din is-somma tiġi restitwita f' perijodu ta' ħames (5) snin.
>
> Rat ukoll l-iskrittura datata 14 ta' Settembru 2005 li tgħid is-segwenti:
>
> Bil-prezenti id-debituri qed jikkostitwixxu ruhhom veri certi u likwidi debituri versi u favur tal-kredituri fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf u hames mija liri Maltin (25,500) liema soma d-debituri jobligaw ruhhom li jhallsuha lura fiz-zmien hames snin mil-lum bla interessi.
>
> Minn din l-iskrittura jirriżulta li fl-14 ta' Settembru 2005 il-partijiet ffirmaw skrittura oħra li permezz tagħha il-konvenut ikkostitwixxew ruħhom bħala debituri versi l-kredituri għas- somma ta' Lm25,500 bil-kundizzjoni li ma jiddekorrux l-ebda interessi salv li din is-somma tiġi restitwita f'perijodu ta' ħames (5) snin.
>
> Mill-provi, irriżulta li hemm qbil li fl-2000 ġiet mislufa somma flus lill-intimati mir-rikorrenti. Ma hemmx kontestazzjoni li verament sar dan is-self. Lanqas ma hemm kontestazzjoni li l-ebda parti mill-ammont misluf ma ġiet imħallsa lura lir-rikorrenti mill-intimati."

7. L-Ewwel Qorti ddentifikat id-difiża tal-konvenuti kif irriżultat waqt is-smiegħ tal-kawża:

> “Da parti tagħhom, il-konvenuti qed jallegaw li fl-ewwel lok, **qatt ma ffirmaw l-iskrittura ta’ l-14 ta’ Settembru 2005** u li fl-2008, **is-self** li kienu ngħataw fl-2000 **ġie maħfur** mir-rikorrenti **billi tqattgħet l-iskrittura** li saret bejniethom fl-2000.”

8. L-Ewwel Qorti straħet fuq l-espert kalligrafu li kkonferma li l-partijiet kollha ffirmaw l-iskrittura tat-2005.

9. Dwar il-maħfra tad-dejn, l-ewwel Qorti qalet hekk:

> “Dwar it-tieni argument imressaq mill-konvenuti u ċioe’ li l-atturi ħafrulhom is-self, din il- Qorti tqis li l-atturi ċaħdu dan bl-ikbar qawwa. Baqa’ jiġi nsistiet minnhom anke fil-kontro eżami, li dan id-dejn qatt ma nħafer. L-atturi strieħu fuq l-iskrittura tal-2005 u kif ukoll fl- aħħar stadju ta’ din il-kawża, irnexxilhom jirrintraċċaw il-vera kopja tal-iskrittura tal-2000.
>
> Mill-banda l-oħra, il-konvenuti straħu biss fuq it-testimonjanza tagħhom li l-oriġinal tal-iskrittura tal-2000 ġiet imqatta’ fl-2008 u b’hekk inħafer is-self. Madanakollu, ma tawx spjegazzjoni kif ġialadarba l-ħames snin mill-2000 kellhom jiddekorru fl-2005, għalfejn din l-iskrittura tal-2000 ma ġietx imqatta’ f’dik is-sena li kienu ddekorrew il-ħames snin. Lanqas ma taw spjegazzjoni kif saret l-iskrittura tal-2005, għalkemm kif ġia’ ngħadd huma qed isostnu li qatt ma ffirmawha nonostante li jidher ben ċar anke mir-rapport tal-espert maħtur li effettivament din ġiet iffirmatha minnhom. Lanqas ma spjegaw kif jekk kellhom tant ċertezza li s-self inħafer fl-2008, ma nsistewx li ssir xi skrittura bejniethom li turi li dan l-ammont ma għandhux jiġi ritornat lura u li lanqas ma kienu ddekkorew interessi bejn l-2005 u l-2008 ġialadarba sakemm allegatament inħafer dan is-self kienu laħqu għaddew tlett snin oħra.”

10. Wara ċitazzjoni estensiva ta’ ġurisprudenza dwar konflitt fil-provi, l-istess Qorti kkonkludiet hekk:

> "Din il-Qorti m'hi xejn konvinta mill-verżjoni hekk kif mogħtija mill-konvenuti kif ġia' spjegat supra. Anke l-provi ċirkostanzjali juru li hija l-verżjoni tal-atturi li hija dik li hija korretta u veritiera.
>
> Din il-Qorti ħadet nota tal-argumenti legali mressqa mill-legali tal-partijiet. Hija konsapevoli li obbligazzjoni bħal din in eżami tista' tispiċċa bil-maħfra tad-dejn *ai termini* tal-Artikolu 1145 (c) tal-Kodiċi Ċivili u li għal tali maħfra ma hija rikjesta l-ebda formalita' partikolari. Iżda kif ġie spjegat minn din il-Qorti, din il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat li din il-maħfra vera saret."

11. Il-konvenuti appellaw miż-żewġ sentenzi.

12. **L-ewwel aggravju** huwa dwar il-preskrizzjoni. L-appellanti jaċċettaw li meta fl-24 t'Ottubru 2017 ingħatat is-sentenza li ċaħditilhom l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni, kienet applikabbli l-liġi l-ġdida, li qalbet ta' taħt fuq l-istituzzjoni venerabbli tal-ġurament deċiżorju – li kien jingħata mill-kreditur a xelta tiegħu – u minflok titfa' l-ballun f'saqajn id-debitur li jrid jieħu ġurament minn jeddu waqt li l-kawża li mhuwiex debitur. L-Ewwel Qorti għaddiet għad-deċiżjoni tagħha wara li l-Avukat tal-konvenuta ddikjara li ma kellux iktar provi dwar il-preskrizzjoni. Billi sa dakinhar tas-sentenza l-konvenuti kienu għadhom ma xehdux, dik il-Qorti, ġustament, iddikjarat li l-vot tal-Art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili kif emendat ma ġiex sodisfatt. Permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti jsostnu m'hemm l-ebda impediment li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni titqanqal fi kwalunkwe stadju; anke fl-appell (Art. 2112 tal-Kodiċi Ċivili). Isostnu li billi wara s-sentenza, huma ddikjaraw li mhumiex debituri, issodisfaw il-vot tal-Art. 2160.

13. Dan l-aggravju m'huwa xejn għajr eżerċizzju ta' sofistrija. Qegħdin jinterpretaw l-Art. 2112 fis-sens li kif sewwa jwieġbu l-atturi appellati:

> "Li huwa permessibbli għall-konvenuti li, wara li huma kienu ddikjaraw li għalqu l-provi tagħhom dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u addirittura wara li l-Qorti tkun tat sentenza fuq dik l-eċċezzjoni, huma jiftħu l-istadju tal-ġbir tal-provi fuq dik l-eċċezzjoni mill-ġdid billi jieħdu l-ġurament rikjest skont l-artikolu 2160.
>
> Din l-interpretazzjoni hija manifestament skorretta għaliex l-artikolu 2112 japplika biss f'każijiet fejn il-konvenut ma jkun qatt qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u mhux f'każ fejn dik l-eċċezzjoni tkun diġa ġiet deċiża b'sentenza tal-Qorti, jew, fejn, bħala eżempju ieħor, huwa jkun diġa' qajjem dik l-eċċezzjoni imma jkun irtiraha fi stadju preċedenti. Lanqas ma huwa intiż sabiex jippermetti lill-konvenut li jiftaħ mill-ġdid l-istadju tal-ġbir tal-provi fuq tali eċċezzjoni wara jkun iddikjara li ma għandux provi, jew ma għandux iktar provi, dwar tali eċċezzjoni."

14. L-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

15. **Permezz tat-tieni aggravju**, il-konvenuti appellanti jerġgħu jisħqu li ma ffirmawx l-iskrittura tas-sena 2005. Din il-Qorti ssib dan l-aggravju verament vessatorju, għaliex sar minkejja l-konklużjoni tal-Perit kalligrafu; u mingħajr aċċenn għall-istess rapport. F'għajnejn din il-Qorti, dan l-atteġġjament li wieħed imieri b'mod purament soġġettiv is-sewwa magħruf oġġettivament u xjentifikament ma tantx iservi biex jgħin il-kredibbilità tal-appellanti.

16. Il-Qorti tiċħad dan l-aggravju wkoll.

17. **Permezz tat-tielet aggravju**, l-appellanti jinsistu li d-dejn inħafer:

> "L-iskrittura ġiet filfatt distrutta u mhux ritornata. B'hekk il-partijiet fil-fatt riedu li l-istess dejn jiġi estint darba għal dejjem. Infatti dan jinsab korroborat bil-fatt illi fl-atti ġiet preżentata biss kopja awtentika tal-iskrittura u mhux l-oriġinal tal-iskrittura. Il-fatt illi l-oriġinal tal-iskrittura ma ġiex ippreżentat jindika b'mod inkonfutabbli li dak li l-konvenuti minn dejjem sostnew huwa fil-fatt verita' – l-iskritturi oriġinali ġew distrutti biex jestingwu d-dejn. Il-prova kruċjali tal-eżistenza tad-dejn kellha tkun l-iskrittura oriġinali – prova li hija għal kollox mankanti mill-atti tal-kawża. Illi fil-fatt, l-esponenti jinsistu li tali skrittura fil-fatt ġiet distrutta. Din l-insistenza hija korroborata mill-fatt li qatt u mkien matul il-kors tal-proċeduri ma nġabet l-oriġinal ta' din l-iskrittura. Għaliex? Għaliex kienet tqattgħet, spiċċat u ma baqgħetx teżisti."

18. Hawnhekk l-appellanti qegħdin sempliċiment jirrepetu dak sottomess minnhom quddiem l-Ewwel Qorti, għal liema dik il-Qorti wieġbet fis-sentenza tagħha. Proprjament dan mhu aggravju xejn, għaliex f'din is-*sede*, l-appellanti jinħtiġilhom juru l-għala fil-fehma tagħhom ir-raġunament tas-sentenza appellata huwa żbaljat, u mhux sempliċiment imorru pass lura billi jirrepetu s-sottomissjonijiet tagħhom anteċedenti. Fi kwalunkwe każ, m'hemm l-ebda lok għal din il-Qorti biex tiddistakka ruħha mir-raġunament tal-Ewwel Qorti, mhux biss għaliex mhuwiex imċappas b'xi vizzju loġiku imma wkoll għaliex l-Ewwel Qorti għamlet analiżi korretta tal-fatti akkwiżiti u siltet il-verżjoni li l-iktar ikkunsidrat verosimili.

19. Anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Deċide;**

20. Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenzi appellati.

21. Tordna illi l-ispejjeż ta' din l-Istanza jiġu sopportati kollha mill-appellanti, b'dan illi, peress illi l-appell interpost huwa wieħed frivolu u vessatorju, b'applikazzjoni tal-Art. 223(4) tal-Kap 12, tordna lill-appellanti jħallsu lill-appellati l-ispejjeż għal darbtejn. Spejjeż tal-Prim'Istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
jb